MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1454/2004

**Direttur tas-Servizzi Korrettivi (Habs Kordin)**

**Vs**

**Isabelle Azzopardi Maslowska**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm141.12c) rapprezentanti *refund* ta' salarju li hija rceviet indebitament ghax-xahar ta' Mejju 2000 u dan billi ai termini tar-Regolament 36 tar-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija giet meqjusa bhala li rrizenjat mis-Servizz Pubbliku b'effett minn Mejju 2000.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha eccepiet il-preskrizzjoni (u sussegwentement indikat l-Artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili) u fit-tieni lok hija ma tatx ir-rizenja taghha fix-xahar ta’ Mejju 2000 kif jigi pruvat waqt il-kawza u ghalhekk l-eccipjenti m’ghandha thallas l-ebda flus kif qed jigi mitlub.

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Mercieca u ta’ Isabelle Azzopardi Maslowska.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Susan Sciberras ghall-attur u ta’ Dr Edward Gatt ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta giet ingaggata bhala *trainee probation officer* bi prova ghal sena b’effett mid-29 ta’ Settembru, 1999 u dan it-*traineeship* kien jimplika wkoll li l-konvenuta tispicca b’success kors ta’ studju li jwassal ghall-ghoti ta’ diploma fis-servizzi ta’ *probation* mill-Universita’ ta’ Malta.

Effettivament, waqt li l-konvenuta kienet qieghda f’dan it-*traineeship*, fis-17 t’April, 2000 talbet l-*unpaid leave* ghall-perjodu ta’ tmien xhur b’effett mill-1 ta’ Mejju, 2000 billi riedet taghmel Masters Degree fil-Psikologija Forensika liema talba giet michuda billi l-konvenuta ma kienetx ilha sena tahdem mal-Gvern.

Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta baqghet tattendi ghax-xoghol regolarment u l-ahhar gurnata fejn iffirmat l-attendenza taghha kienet il-11 ta’ Mejju, 2000. Minn dakinhar ‘il quddiem m’attendietx iktar.

Skond il-PSC Regulations, jekk impjegat jonqos milli jattendi ghax-xoghol ghal ghaxart ijiem konsekuttivi minghajr gustifikazzjoni, l-kap tad-dipartiment ghandu jinnotifika lill-ufficjal koncernat u jekk ma jingabux ragunijiet validi mid-data ta’ tali avviz, l-ufficjal huwa

meqjus bhala rrizenja mis-Servizz Pubbliku b'effett mill-hdax-il gurnata tax-xoghol ta' assenza mhux awtorizzata.

Il-konvenuta ssostni illi fil-fatt mit-12 ta' Mejju 'l quddiem hija kienet qieghda tattendi l-Universita' u li l-istudju kien jinvolviha attendenza ghal-lectures filghodu mid-9.00a.m sas-1.00p.m u minn xi 1.30p.m sal-5.00p.m u ghalhekk kien impossibbli ghaliha li tattendi ghax-xoghol fl-istess hin u liema studju baqa' sejjer sa Mejju kollu mentri f'Gunju hija kellha l-ezamijiet.

Hija tammetti li rceviet Ittra fejn giet mitluba taghti l-ispjegazzjonijiet taghha u fir-risposta taghha a fol 21 tal-process (Ittra 20/06/2000) qalet li m'attendietx l-ufficcju f'Mejju ghaliex kellha l-ezamijiet ghall-habta ta' Gunju.

Hija ziedet tghid illi f'kull kaz waqt li kienet qieghda tattendi ghax-xoghol fl-ufficcju ma kellha x'taghmel xejn u kienet tara x'tista' tivvinta biex tqatta' s-sighat vojta. Il-*probation officers* ma kellhomx xoghol bizzejjed biex jokkupaw lilhom infushom u ghalhekk kienu jqattghu hafna mill-hin jiccacraw. Ghalhekk hija tghid li ghazlet li tattendi l-kors u tiddedika l-hin taghha ghall-istudju.

Hija kompliet tghid illi sadanittant kienet applikat biex taghmel Masters Degree fil-Psikologija Forensika u fil-fatt issostni li kienet gja' hallset it-*tuition fees* minn qabel. Milli jidher dan il-kors ma kienx qed isir Malta u jista' jkun li l-attendenza taghha kienet barra minn Malta. Forsi dan jispjega ghaliex tghid li ma rcevietx l-ewwel Ittra u li t-tieni Ittra rceviha zewgha u r-risposta taghha ghaliha ma fihiex firma.

Waqt il-kawza l-konvenuta ssostni illi r-raguni vera ghaliex ma marretx tiffirma u tattendi ghax-xoghol kienet illi kienet qieghda tmur l-Universita' fl-istess hin tattendi l-kors tad-diploma izda t-Tribunal m'huwiex konvint dwar dan.

Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-konvenuta milli tmur tiffirma ghax-xoghol u tmur ghal-lectures kif kienet qieghda taghmel qabel il-11 ta' Mejju, 2000. *Ex admissis*, ma kienx hemm hafna xoghol u setghet facilment issegwi

l-kors. Il-konvenuta ssostni illi qabel dakinhar kienet falliet hafna lectures. Dan ma jikkombacjax ma' l-affermazzjoni taghha li tant ma kellhomx xoghol li kienu joqghodu jiccacraw. Inoltre, hija qajla kredibbli l-asserzjoni tal-konvenuta illi d-dipartiment koncernat jingagga *trainees* ghall-*probation service* biex imbaghad ma jhallihomx jattendu l-kors u ma jhallihomx jaghmlu l-ezamijiet jew ma jtihomx zmien bizzejjed ghall-istudju.

Ma gew prodotti l-ebda dokumenti in sostenn dwar l-affermazzjoni tal-konvenuta li hija fil-fatt kienet qieghda tattendi kors l-Universita'. Ma gewx esebiti *timetables* tal-lectures jew dati ta' l-ezamijiet.

Sahansitra, meta l-impieg taghha gie mitmum a bazi ta' abbandun da parti taghha, hija ma hadet l-ebda passi kif trid il-ligi biex tikkontesta dan it-temm ta' mpieg.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-eccezzjoni fil-mertu moghtija mill-konvenuta m'hijiex sostenibbli.

A tenur tal-PSC Regulations fuq imsemmija, stante li din l-assenza ma kienetx wahda gustifikata, hija giet meqjusa bhala li temmet l-impjieg taghha mill-hdax-il gurnata ta' l-assenza taghha u li jgib li l-impjieg taghha jigi attwalment meqjus bhala mitmum fil-25 ta' Mejju, 2000 u cjoe' proprju l-gurnata ndikata minn Emanuel Cassar, Director Correctional Services fl-Ittra tieghu tas-27 ta' Gunju, 2000 a fol 22 tal-process.

B'danakollu, l-*workings* maghmula mill-atturi huma mahdumin bhallikieku l-impjieg gie mitmum fil-11 ta' Mejju, 2000 meta fil-fatt il-*workings* ghandhom ikopru sal-24 ta' Mejju, 2000 u konsegwentement l-ammont korrett li ghandu jigi *refunded* m'huwiex l-ammont mitlub f'din il-kawza izda huwa ferm inqas biex dan it-Tribunal jikkalkula li huwa ta' hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45).

Illi l-konvenuta ressqet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jolqot azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' *judicial fees*, *customs and other dues.*

It-Tribunal jidhirlu illi l-ammont pretiz f'din il-kawza ma jaqa' taht l-ebda wahda minn dawn il-partiti billi l-ammont mitlub jirrapprezenta rifuzjoni ta' flus imhallsin indebitament u ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi stante illi l-ammont li l-konvenuta se tigi ordnata thallas huwa inqas minn dak mitlub mill-attur, ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez huma kwantu ghal terz (1/3) ghall-konvenuta u zewg terzi (2/3) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------